## KUNSILL LOKALI SAN ĠWANN

---

### IL-SITT LEĠISLATURA

### MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL

### LAQGĦA NUMRU 23 – IT-TNEJN, 10 TA' OTTUBRU 2011 FIL-5.30PM

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill

Preżenti

| | |
|---|---|
| Etienne Bonello Du Puis | Sindku |
| David Dalli | Viċi Sindku |
| Rita Saliba | Kunsilliera |
| Joan Farrugia | Kunsilliera |
| Neville Mallia | Kunsillier |
| Antoine Mifsud Bonnici | Kunsillier |
| Mikhail Micallef | Kunsillier |
| Kurt Guillaumier | Segretarju Eżekuttiv |

Skużata

| | |
|---|---|
| Marica Bayliss | Kunsilliera |
| Violet Bajada | Kunsilliera |

**1 Pagamenti 50**

Is-Sindku Etienne Bonello Du Puis ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsilliera Joan Farrugia ssekondat. Kien hemm qbil unanimu.

**2 Pagamenti 51**

Il-Kunsilliera Rita Saliba ipproponiet li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Viċi Sindku David Dalli ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

Ġie deċiż li ssir laqgħa bejn is-Sindku, is-Segretarju Eżekuttiv u ċ-*Chairman* tal-Kumitat tal-Kappara rigward il-ħidma fil-lokal.

Ġie deċiż li tinxtara karozza għall-użu tal-Kunsill minflok tinkera waħda.

**3 Pagamenti 52**

3.1 Ġie deċiż li l-pagament numru 12 jinżamm temporanjament sakemm jiġi verifikat.

3.2 Il-Kunsillier Neville Mallia ippropona li jiġu approvati l-pagamenti. Il-Kunsillier Antoine Mifsud Bonnici ssekonda. Kien hemm qbil unanimu.

**4 Kommunikazzjoni mis-Sindku**

4.1 Ġew ippreżentati tliet kwotazzjonijiet għat-tiswija tal-garaxx. Ġie deċiż li nieħdu parir mingħand il-Perit tal-Kunsill.

4.2 Ġie deċiz li tintalab BOQ għax-xogħljiet li hemm bżonn fuq is-sistema tad-dawl fl-uffiċċini tal-Kunsill lill-ECL Consulting li għamlu r-rapport.

4.3 Ġie deċiż li jiġu impjegati żewġ skrivani Skala 15.

4.4 Ġie deċiż li ssir talba lill-IPSL biex jiġu assenjati żewġ ħaddiema fil-Kunsill għan-nofstanari ta' filgħodu.

4.5 Ġie deċiż li tinħareġ *tender* għall-kiri ta' garaxx għall-użu tal-arkivji u *storage.*

4.6 Saret diskussjoni fuq is-servizzi li l-Green MT qegħdin jagħtu lil-Kunsill. Ġie deċiż li ssir laqgħa mal-Green Pak.

Il-Kunsillier Neville Mallia skuża ruħu mill-laqgħa.

4.7.1 Is-Sindku esprima ruħu li mhux kuntent bil-kontenut tal-*Magazine* tal-Kunsill u qed jikkonsidra li jxolji l-Bord preżenti u jaħtar wieħed kompost minn persuna barra mill-Kunsill.

4.7.2 Il-Kunsillier Antoine Mifsud Bonnici esprima ruħu li fuq l-inċident li ġara rigward il-Huggiega, kien hemm *misunderstanding* u li kiteb kien *in buona fede*.

**5 Għeluq il-Laqgħa**

Il-laqgħa spiċċat fit-7.50pm. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tnejn 17 ta' Ottubru fil-5.30pm.

| | |
|---|---|
| **Kurt Guillaumier**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Etienne Bonello Du Puis**<br>**Sindku** |